Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Numru. 608/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Claire Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ **Claire Vella**, ta’ tnejn u ghoxrin (22) sena, bint Nazzereno Vella u Paulanne (Pauline Anne) neé Suda, imwielda Pietà, fl-24 ta’ Ottubru 1989, residenti 157, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Giljan u detentrici tal-Karta tal-Identita Numru 492689(M) akkuzata talli nhar l-1 ta’ Settembru 2011 ghall-habta tat-tlieta ta’ filghodu (03.00am), gewwa l-istabbiliment Havana, li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:


Qrati tal-Gustizzja

1. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, u cioé arlogg tal-idejn tad-ditta Armani ghad-dannu ta' Henry Bonello, liema hsara tammonta ghall-aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) izda anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1164.69).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 2" – *a fol.* 7).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Semghet lill-imputata tixhed.

Rat li, fis-seduta tallum, l-imputata kkonsenjat arlogg tal-marka "Armani" gdid bil-garanzija lill-parti leza u dan a saldu ta' kull pretensjoni ohra li jista' jkollu l-parti leza, liema parti leza accetta l-arlogg imsemmi a saldu ta' kull pretensjoni li ghandu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-parti leza jiddikjara li hu kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-atti processwali u minn dak mismugh minn din il-Qorti, jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata giet sodisfacentement pruvata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputata, il-

fedina penala taghha (Dok. “TM 1” – *a fol.* 6), il-fatt li, fis-seduta tallum, l-imputata kkonsenjat arlogg tal-marka “Armani” gdid bil-garanzija u dan a saldu ta’ kull pretensjoni ohra li setgha kellu l-parti leza, liema parti leza accetta l-arlogg imsemmi a saldu ta’ kull pretensjoni li kellu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata Claire Vella hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------